# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 12**

**Rikors Numru 71/16**

**1. John Ciantar;**
**2. Victor Ciantar;**
***u***
**3. Peter Ciantar**

**v.**

**1. Nazzareno sive Reno Ciantar;**
**2. Josephine sive Jessie Ciantar**
***u***
**3. Carmelo Ciantar, ghal kull interess li jista' jkollu u ghall-finijiet tal-integrita` tal-gudizzju; u b'digriet moghti fit-18 ta' Frar 2014 giet nominata Dr. Yana Micallef Stafrace bhala kuratur ad litem sabiex tirrapprezenta l-interessi tal-mejjet Carmelo Ciantar**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-atturi prezentat fit-22 ta' Frar 2016 li permezz tieghu huma talbu li s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Novembru 2016 u li minnha gie intavolat appell mill-konvenuti, tigi dikjarata provizorjament esegwibbli a tenur tal-Artikolu 266 (7) tal-Kodici tal-Procedura Civili u dan limitatament ghas-somma ta' €133,975 u cioe` s-somma li giet likwidata bhala sehem riservat spettanti lilhom u pagabbli mill-konvenuti u dan peress li l-appell sar biss fir-rigward tal-imghaxijiet ordnati mill-ewwel Qorti.

Dan l-artikolu jghid illi "*l-Qorti ghandha tiddikjara li s-sentenza tkun esegwibbli provizzorjament jekk tkun sodisfatta illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktar jikkaguna pregudizzju akbar lill-parti li titlob id-dikjarazzjoni skont is-subartikolu (1) milli dik l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja*"*.*

Il-konvenuti qed jopponu ghal din it-talba. Bazikament l-argument taghhom huwa li huma ma ghandhomx mezzi biex ihallsu dan l-ammont hlief bil-bejgh tal-propjeta` derivanti mill-wirt in kwistjoni u kwindi qed jitolbu li jkun hemm sentenza definittiva qabel ma tigi esegwita s-sentenza.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn: l-atturi istitwew il-kawza fejn talbu li jithallsu s-sehem riservat spettanti lilhom mill-wirt tal-genituri

tal-partijiet; il-Qorti laqghet it-talba taghhom u illikwidat l-ammont fis-somma fuq imsemmija u ordnat il-hlas mitlub bl-imghaxijiet mill-2008. Il-konvenuti appellaw fir-rigward tal-hlas tal-imghaxijiet u ghall-kundanna ghall-hlas ta' parti mill-ispejjez.

L-atturi rikorrenti ghalhekk qed jitolbu li jkunu jistghu jesegwixxu s-sentenza fir-rigward tas-sorte peress li kif inghad ma sarx appell mil-likwidazzjoni u l-ordni tal-hlas tas-somma likwidata aktar il-fuq imsemmija.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijet **Yolanda Formosa v. Maggur Frank Formosa**, deciza fl-10 ta' Gunju 1964 qalet illi "*il-Qorti ma ghandha quddiemha ebda prezunzjoni li s-sentenzi bhala regola ma jistghux jigu esegwiti jew xi desideratum f'dan is-sens, ghaliex sentenza tal-ewwel grad, ghalkemm mhix gudikat hija dejjem konkluzjoni tal-Qorti fuq il-kaz u tiswa aktar minn semplici argument. Kieku ma kienx hekk ma kenitx tinkiteb id-dispozizzjoni in kwistjoni. Il-ligi tghid biss li s-sentenzi li ma ghaddewx in gudikat mhumiex minnhom infushom esegwibbli u jirrikjedu dikjarazzjoni specjali biex ikunu esegwibbli imma fejn il-Qorti tkun sodisfatta li hemm aktar pregudizzju jekk is-sentenza ma tigix esegwita allura s-sentenza tal-ewwel grad issir ekwipollenti ghal wahda finali salv li fl-ewwel kaz l-esegwibilita` tkun provizorja u fit-tieni kaz tkun definittiva*".

Din il-Qorti ma ghandhiex dubju li f'dan il-kaz, minhabba r-ragunijiet fuq espressi mill-atturi, ghandha tilqa' t-talba taghhom; ladarba ma sarx appell mis-somma likwidata l-konvenuti jafu li jridu jhallsu dik is-somma u tali likwidazzjoni ormai ghaddiet in gudikat.  Ma hemm allura ebda pregudizzju li jistghu jsofru l-konvenuti appellanti, u r-raguni li jaghtu l-istess konvenuti appellati li ghaliha jopponu l-esekuzzjoni ma hix wahda valida ghal dan il-fini.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-sentenza msemmija fl-ismijiet premessi bhala provizorjament esegwibbli ghall-ammont mitlub u cioe` mija u tlieta u tletin elf disa' mija u hamsa u sebghin euro (€133,975).

L-ispejjez ta' din il-procedura, peress li hu naturali ghall-parti sokkombenti li topponi – altrimenti tippregudika l-appell taghha (ara l-provvediment ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Waterline Limited v. S J Catering Limited** moghti fil-31 ta' Ottubru 2013) – jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df